MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 2058/1996/1

Anthony Desira
vs
Giovanni sive Gianni Borg u mart l-istess Giovanni sive Gianni Borg ghal kull interess li jista' jkollha

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Illi fis-17 ta' Gunju, 1994, waqt illi l-attur kien qieghed fuq ix-xoghol fl-impjant tas-socjeta` Polidano Brothers Limited, huwa kien garrab incident;

Illi dan l-incident kien gara meta filwaqt li l-attur kien qieghed bil-wieqfa fuq il-parti ta' barra ta' truck tip "Ready-Mix 8 Wheeler", jara' l-konkos, il-konvenut kien qabad ghall-gharrieda u saq dan it-truck minghajr ma ta kaz li l-attur kien qieghed fuq l-istess truck fuq barra;

Illi kif il-konvenut saq it-truck, l-attur kien waqa' mal-art;

Peress li b'rizultat ta' dan l-incident l-attur kien garrab dizabilita`, b'dan li kellu jitlaq minn xogholu;

Illi dan l-incident kien kagonat minn negligenza u traskuragni da parti tal-konvenut;

Illi ghalkemm debitament interpellat jersaq biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti, il-konvenut kien baqa' inadempjenti;

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut Giovanni Borg kien unikament responsabbli ghall-incident tas-17 ta' Gunju, 1994 gewwa l-impjant ta' Polidano Brothers Limited meta l-attur waqa' minn truck u wegga', u ghad-danni kollha konsegwenzjali;

2. Tillikwida l-istess danni, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur, in linea ta' danni, dak l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u lista tax-xhieda prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

(1) Fl-ewwel lok il-konvenut huwa guvni;

(2) Fit-tieni lok l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

(3) Fil-meritu t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut ma kienx responsabli ghall-akkadut, jekk jezisti, u ghad-danni allegatament reklamati;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur li fiha semma li fis-17 ta' Gunju, 1994, waqt illi l-attur kien qieghed fuq ix-xoghol fl-impjant tas-socjeta` Polidano Brothers Limited, kien garrab incident. Dan l-incident kien gara meta filwaqt li l-attur kien qieghed bil-wieqfa fuq il-parti ta' barra ta' truck tip “Ready-Mix 8 Wheeler”, jara' l-konkos, il-konvenut kien qabad ghall-gharrieda u saq dan it-truck minghajr ma ta kaz li l-attur kien qieghed fuq l-istess truck fuq barra. Kif il-konvenut saq it-truck, l-attur kien waqa' mal-art u rizultat ta' dan l-incident l-attur kien garrab dizabilita`, b'dan li kellu jitlaq minn xogholu. Sostna li dan l-incident kien kagonat minn negligenza u traskuragni da parti tal-konvenut li ghalkemm debitament interpellat jersaq biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur kien baqa' inadempjenti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li fiha semma li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Zied jghid li kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur mhux minnu li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni u huwa dubitat jekk sehhx l-incident jew li l-attur sofra danni.

Rat id-digriet tal-5 ta' Mejju 1998 li bih gie nominat Dr. Mark Chetcuti bhala Perit Legali.

Rat id-digriet tal-25 ta' April, 2001 li bih gie nominat Mr. Carmel Sciberras bhala espert ortopediku.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti li fih ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**<u>“Konsiderazzjonijiet</u>**

Kull persuna hi responsabbli ghall-azzjonijiet taghha. Ma jistax jkun hemm kondotta li ma ggibx maghha responsabbilita` legali ghal dik il-kondotta. Kull persuna fis-socjeta` trid tassigura li l-azzjonijiet taghha jkunu maghmula b’kura u tirrispondi legalment fin-nuqqas. Il-kura mehtiega hi dik imsejha ta’ bonus paterfamilias.

Din hi kawza fejn l-attur fil-qosor qed jallega li hu sofra danni tul ix-xoghol minhabba l-azzjoni tal-konvenut. Qed jallega li waqt li kien fuq in-naha ta’ wara tat-trakk tar-ready mix li kien isuq hu, jiccekkja t-tahlita tal-concrete, il-konvenut tela fit-trakk u saqu ‘l quddiem. B’rizultat ta’ dan l-attur waqa’ minn fuqu u wegga’.

Il-konvenut jinnega dan u jixhed li meta tela’ fit-trakk biex ihott ftit concrete gie l-attur hdejn il-kabina, beda jghajjat, qabad il-barzakka u telaq. Fl-ebda hin ma qallu li laqtu bit-trakk.

Minn ezami ta’ din ix-xiehda kontradittorja l-esponenti jissottometti li l-kwistjoni in responsabbilta` hi wahda ta’ kredibilita` o meno verzjonijiet tal-partijiet u x-xiehda prodotti. L-attur irid jipprova dak li qed jallega fuq bazi ta’ probabilita`.

L-esponent jissottometti li l-attur ipprova li l-incident gara minhabba nuqqas ta’ kura u prudenza da parti tal-konvenut u li l-azzjoni tal-konvenut li waslet ghall-incident kienet aktar milli semplici traskuragni jew nuqqas ta’ hsieb.

Il-kwistjoni kollha grat hdejn l-ufficcju mnejn id-drivers tal-concrete mix, jiehdu t-trakkijiet taghhom biex jimtlew bil-konkos ghal vjaggi li jkunu mitluba jaghmlu. Irrizulta li t-trakkijiet jaghmlu medja ta zewg vjaggi kuljum, wiehed

filghodu u iehor wara nofsinhar, incident in kwistjoni gara qabel il-vjagg ta’ wara nofsinhar. Irrizulta li l-ufficcju fil-hin li sehh l-incident kien hemm George Cilia li hu nkarigat li jimla t-trakk bil-konkos skond ma jkollu bzonn id-driver u certu Carmelo Dalli, xufier ta’ gaffa li nzerta kien ufficcju. L-inkwiet qam peress li George Cilia ried illi l-attur jiehu ftit aktar konkos milli kien jehtieg sabiex jimla trinka ftit il-boghod mill-ufficcju li kien qed jiehu hsiebha l-konvenut. Din it-trinka thaffret fuq struzzjonijiet tal-principal tad-ditta li maghha kienu jahdmu l-kontendenti. Il-konkos kien talabulu l-konvenut.

Ma jirrizultax car jekk i-konvenut kienx gie fl-ufficcju jew le meta qam id-dizgwid peress illi x-xiehda mhix konkordi fuq dan, pero` li rrizulta hu li l-attur ma riedx jiehu taghbija zejda ghax ried imur bil-vjagg li kellu ordnat biss.

George Cilia jixhed illi l-principal kien gia ta l-ordni biex din il-bicca xoghol jaghmilha l-ewwel trakk li jidhol cioe` lill-attur pero` meta l-istess xhud ighid li cempel lill-pricipal quddiem l-attur ma kellux risposta.

F’xi hin kien hemm prezenti wkoll il-konvenut u kien jidher car li l-attur baqa` jsostni li hu kien se jaghmel biss il-vjagg li kellu ordnat. Ghalkemm George Cilia u Carmelo Dalli huma pjuttost reticenti u anki kontradittorja fix-xiehda taghhom, dan x’aktarx biex jiehdu hsieb l-interessi taghhom, pero` rrizulta li l-konvenut ried jiehu ttrakk hu stess jimla t-trinka u l-attur baqa` jirrifjuta.

George Cilia jixhed illi f’hin minnhom baghat lill-attur jiccekkja konkos fil-bajla tat-trakk. Skond ix-xhud din kienet prassi normali biex is-sewwieqa jiccekkjaw il-konkos waqt li jkun qed jimtela t-trakk. Fil-fatt fuq wara tat-trakk hemm sellun biex id-driver jitla’ minnu biex jiccekkja l-konkos mit-toqba tal-bajla.

Minn hawn ‘il quddiem, hadd mix-xiehda ma ra xejn aktar nonostante li l-ufficcju kien faccata tat-trakk u kellu tieqa kbira erba’ piedi b’hames piedi li taghti vizwali cara u tajba ghal fuq it-trakk.

Carmelo Dalli jixhed illi ma ra xejn ghax kien jitkellem ma' George Cilia u George Cilia jixhed illi ghalkemm seta jara t-trakk ma setax jara fejn kien l-attur mill-pozizzjoni li kien qieghed.

Iz-zewg xiehda pero` jaqblu li meta l-attur kien barra, il-konvenut hareg, tela' fit-trakk, startja u beda jsuq. Waqaf wara li saq xi pied jew tnejn. Ir-raguni ghalfejn waqaf ma setghux jaghtuha. Wara li waqaf raw lill-attur ghaddej minn quddiem it-trakk, jiehu barzakka mis-seat tat-trakk u jitlaq lejn l-ufficcju. Fil-hin li nstaq it-trakk, il-bajla kienet ghada timtela bil-konkos.

Il-konvenut jammetti li l-attur gerger meta talbu jgiblu l-konkos fit-trinka kif jammetti wkoll li mar hu jsuq it-trakk biex ihott il-konkos hu. Pero` lill-attur ma rahx u jghid biss illi l-attur gie hdejn il-kabina, beda jghajjat, qabad il-barzakka minn fuq il-passenger seat u telaq lejn l-ufficcju. Il-konvenut hu nieqes mid-dettalji f'dak li gara fl-ufficcju u x'wasslu biex jaqbad u jmur isuq trakk li mhux driver tieghu meta l-istess trakk kien ghadu qed jimtela u meta ftit qabel l-attur hareg biex jiccekkja l-konkos fil-bajla.

L-esponenti jissottometti li hu ragonevolment pruvat dak li jixhed l-attur cioe` li nqala' dizgwid serju fl-ufficcju fejn hu ma riedx jiehu taghbija zejda filwaqt li l-konvenut baqa' jsostni li kellu jsir hekk u li kien lest jiehdu hu. Hu ragonevoli li George Cilia jibghat lill-attur jiccekkja l-istat tal-konkos biex jikkalma l-kwistjoni u li fis-sahna tal-kwistjoni biex tghaddi tieghu, il-konvenut johrog barra u jmur jipprova jsuq it-trakk hu fejn it-trinka minghajr ma jaghti hsieb fejn kien l-attur li kien jaf li hareg jiccekkja il-bajla.

Fil-fatt ix-xiehda Cilia u Dalli sorprendentement jixhdu li ma jafux ghalfejn il-konvenut qabad u hareg mill-ufficcju u mar fit-trakk. In-nuqqas ta' spjegazzjoni da parte taghhom tikkonferma li r-raguni tal-azzjoni kienet dettata minn pika puerili bejn zewg haddiema li wasslet ghal azzjoni mghaggla, imprudenti, bla hsieb u perikoluza, li b'konsegwenza taghha wegga' l-attur.

Ix-xiehda tal-attur ma fihiex kontradizzjonijiet fis-sustanza u hi verosimili mal-fatti kif irrizultaw.

L-esponenti jissottometti li gie stabbilit ness dirett bejn l-azzjoni tal-konvenut u l-incident li sofra l-attur, liema incident wassal ghal danni fizici kompatibbli ma' dak li gie riskontrat ftit jiem wara mit-tabib kuranti tal-istess attur.

L-esponenti pero` jissottometti li saru diversi provi dwar l-istat ta' sahha tal-attur precedenti l-incident u jekk dan l-istat ta' sahha setax jinfluwixxi fuq id-dizabilita` permanenti li qed jallega li sofra l-istess attur ta' dahru.

Gie esibit ir-records tax-xoghol tal-attur li kien ilu impjegat ma' Polidano Brothers mill-1988.

Ic-certifikati medici esibiti juru li fl-1991 kellu xi problema bilprostata u li fl-istess sena ghamel operazzjoni tal-hernia u ghamel perjodu ta' sick leave. Ghamel perjodu zghir iehor ta' sick leave fl-1992 ghal 'post hernial repair'. F'April 1993 ghamel jumejn marid ghal ugiegh fid-dahar deskritt bhala 'muscular skeletal' u l-istess f'Awissu 1993. Qabel l-incident f'Gunju 1994 ma hemmx aktar certifikati medici.

L-attur jixhed illi sa fejn jiftakar qabel l-incident darba biss kellu ugiegh f'dahru u dam jistrieh xi tlett ijiem biss. Apparti din lokkazzjoni l-uniku ilment li kellu fuq dahru kien meta kien zghir u dam xi tmint ijiem bil-pilloli.

Wara l-incident inhareg certifikat mediku mit-tabib kuranti tal-attur Dr. Noel Camilleri. Fl-1 ta' Lulju 1994 fejn inhareg certifikat mediku li jghid li l-attur ibati minn skoljosi. Fit 12 ta' Awissu l-istess tabib ghamel ittra indirizzata lill-ispecjalista Mr. Carmel Sciberras fejn talbu jinvistah in vista ta' skoljosi. Fit-18 ta' Awissu tal-istess sena nhareg certifikat minn Mr. Sciberras fejn iccertitika li l-attur ma setax jerfa' xejn u ghandu stiff back and neck. Hu jirreferi ghall-incident li kellu l-attur fuq ix-xoghol. Fit 2 ta' Novembru 1994 l-istess Dr. Camilleri hareg certifikat iehor fejn qal illi l-attur ghadu jbati minn severe back pain.

Dr. Camilleri li xehed fil-kawza qal li l-ugiegh li l-attur kellu f'dahru u f'ghonqu meta rah kienu kompatibbli ma trawma minn wegga'. Meta rrefera ghall-iskoljosi tac-certitikat mahrug minnu fl-1 ta' Lulju 1994 xehed illi din ma ghandhiex x'taqsam ma' trawma izda hi liwja tad-dahar li mhix soltu tigri b'waqgha. Hu kien ilu tabib kuranti tal-attur sa mill-1991 u ghalkemm gieli bata minn dahru kien jippreskrivilu ftit granet mistrieh u jerga' jirritorna ghax-xoghol. L-iskoljosi kien gja jaf biha qabel l-incident. Ic-certifikat li hareg f'Awissu u Novembru tal-istess sena fejn iddeskriva li l-ugiegh nizel fil-parti ta' isfel ta' dahru u siequ kienu kompatibbli mat-trawma sofferta.

Mr. Zammit Maempel li ra lill-attur f'Marzu 1996 xehed illi l-attur kellu incident fl-1994 u beda jhoss ugiegh ta' sciatica fuq il-lemin. Irrizulta mill-x-rays li kellu l-ahhar disc ta' dahru dejjaq indikazzjoni ta' slip disc li ma kienx gravi li jehtieg intervent kirurgiku. Ma setax jiddetermina kemm kien ilu fuq l-attur dan is-slip disc pero` zgur ma kienx antik hafna ghalkemm ma setax jispecifika jekk kienx ilu sentejn jew hames snin. Mir-records tal-isptar, l-ewwel data li jissemma id-dahar fir-records tal-attur kien jirreferi fit-2 ta' Novembru 1995, meta beda jarah Dr. Apap Bologna u mbaghad Dr. Zrinzo. Nonostante li gie konsiljat conservative management, l-ugiegh baqa' jippersisti, ghalkemm bil-mistrieh fl-isptar naqas.

Dr. Zarb li sar tabib kuranti tal-attur fl-1997 circa qal li hu rah minhabba ugiegh ta' sciatica li kienet izzommlu siequ. L-anqas seta jimxi u qallu joqghod fis-sodda erba' gimghat apparti li ppreskrivielu anti inflammatories li kkawzaw allergija lill-attur. Ghadu jarah fuq bazi regolari u ghalkemm ma jzappapx illum ma jistax jistrapazza ghax jizdied l-ugiegh.

L-esponenti jissottometti li qabel l-incident cioe` mindu kien impjegat ma' Poldano Brothers mill-1988 gie pruvat li l-attur kellu operazzjoni tal-hernia fl-1991 u li f'xi zewg okkazjonijiet fl-1993 kien assenta ruhu ghal xi jumejn kull darba ghal ugiegh f'dahru. Dr. Camilleri jixhed li l-attur kien ibati minn skoljozi mhix assocjata mit-trawma. L-istess Dr. Camilleri ra lill-attur ftit granet wara l-incident u

l-ugiegh li kien isofri l-attur kien kompatibbli mit-trawma sofferta kif allegat mill-attur. Ir-rappporti u x-xhieda medici li saru wara ma jitfghu ebda dell ta' dubju li fil-fatt it-trawma sofferta mill-attur meta waqa' minn fuq it-trakk ikkawzat id-dizabilita` permanenti kif iccertifika l-espert tal-Qorti, li jikkonferma wkoll is-slip disc u li ma rrizultax qabel l-incident izda wara u hu kompatibbli mat-trawma kif deskritta mill-attur. Ma ngiebet ebda prova li dak li qed isofri minnu llum l-attur ma giex kawzat bil-waqa' mit-trakk jew illi kien hemm kundizzjoni medika ezistenti tali li aggravat id-dizabilita` bil-waqgha.

Ghalhekk l-esponenti jissottometti li l-konvenut ghandu jirrispondi ghall-hsara kollha kagunata mill-attur.

## Danni

Ma gew esebiti ebda ricevuti medici ghad-danni subiti mill-attur. Ghalkemm hemm ix-xiehda tat-tobba u x-xiehda tal-attur u martu dwar kura li ha l-attur konsegwenza tal-incident, l-ahjar prova tad-danni ossia hlasijiet li saru huma r-ricevuti li l-attur pprovda biss prospett miktub minnu a fol. 37 tal-process ammontanti ghal Lm399, eskluz x-rays privati li l-attur anqas isemmi in-nefqa ghalihom.

Fic-cirkustanzi l-esponent ihoss illi ghandha tinghata somma arbitrio boni viri ghall-ispejjes medici inkorsi stante nuqqas ta' provi aktar konkreti u ghal dan il-fini jissottometti li l-attur ghandu jigi risarcit fis-somma ta' Lm 150 bhala damnum emergens.

Dwar it-telf ta' qliegh l-attur fl-1993 fejn hadem sena shiha kellu paga netta ta' Lm2210, kif jidher mill-form P3 esibita mix-xhud Dennis Muscat fil-file tax-xoghol tal-attur. Ma' din il-paga l-attur kellu qliegh ukoll mir-raba li kellu, li fix-xhieda tieghu ighid li wara l-incident ma setax ikompli jahdem u ghalhekk cediha lil huh.

Gew esibiti erba' returns mid-dipartiment tal-Agrikultura mill-1990 sal-1993 li juru l-bejgh ta' prodott li sar mill-attur

lill-pitkali. Peress illi l-qliegh mir-raba mhux dejjem l-istess, l-esponenti se juza l-medja ta' bejgh fuq dawn l-erba' snin li jammonta ghal Lm1000 netti.

Ghalhekk il-qliegh tal-attur huwa ta' circa Lm 3212 fis-sena li mieghu irid isir allowance ghall-gholi tal-hajja u bonuses statutorji tul il-perjodu tal-hajja lavorativa tal-attur li meta sehh l-incident kellu 41 sena.

Peress illi persuna fil-hajja tal-lum hi mistennija taghti kontribut lavorativ sal-eta` tal-penzjoni cioe` 61 sena kif inhi l-ligi l-lum l-multiplier li ghandu jintuza f'dan il-kaz hu ta' 20 sena. Il-qliegh tal-attur kwindi fuq perjodu ta' 20 sena hu mistenni li jizdied li kieku baqa' jahdem kif kien qabel u kwindi l-esponenti jissottometti li jkun aktar gust li l-gliegh tal-attur jirrifletti z-zidiet tal-paga biex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja.

L-esponenti jissottometti ghalhekk illi l-qliegh li ser jintuza biex isir il-quantum tat-telf ta' profitt ghandu jkun ta' Lm3700 fis-sena.

Ghalhekk it-telf ta' profitt tal-attur hu ta':

Lm3700 X 20 sena = Lm74,000

Peress illi skond ir-rapport tal-espert mediku Dr. Sciberras, id-dizabilita` hi ta' 15 fil-mija, l-ammont ta' telf ghandu jkun ta':

Lm74000 X 15% = Lm11,100.

Minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas ammont ghal lump sum payment. L-esponenti jissottometti li sakemm ma jigi nterpretat b'mod definittiv dwar il-mod kif ghandu jsir dan it-tnaqqis, ghandu jittiehed l-insenjament tal-Qorti fil-kawza Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe deciza fil-5 ta' Ottubru 1995 u segwita b'sentenzi ohra fejn it-tnaqqis tradizzjonali kien ta' 20 fil-mija pero` skond l-insenjament fuq citat ma jsir ebda tibdil minn dan it-tnaqqis tul l-ewwel tlett snin wara l-kawza u tnaqqis ta' 2 fil-mija ghal kull sena ulterjuri. F'dan il-kaz il-kawza saret

fl-1996 u llum ghaddew gja hames snin. Peress illi sentenza hu probabbli li ma tinghatax qabel is-sena 2002 mill-20 fil-mija ghandu jitnaqqas sitta fil-mija, kwindi mill-ammont moghti bhala kumpens ghandu jitnaqqas 14 fil-mija ghal lump sum payment.

Kwindi Lm11,100 - 14% = Lm9,546.

L-esponenti jissottometti li ma ghandu jsir ebda tnaqqis ulterjuri minhabba l-pensjoni ta' dizabilita` moghtija lill-attur peress li din ma taffettwax il-kumpens tal-Qorti ghad-dizabilita` soffruta mill-incident per se.

Del resto seta zdied il-qliegh lill-attur u mhux naqas u xorta kumpens ta' dizabilita jinghata bl-istess mod.

Lanqas ma hu ser jittiehed in konsiderazzjoni il-fatt illi l-attur illum mhux jahdem ghax ihoss li ma jistax jahdem. Kif qal l-espert mediku, jekk persuna ma tergax tipprova tahdem mill-ewwel wara incident simili, ikun aktar difficli biex il-gisem jaddatta ruhu ghax-xoghol. Inoltre d-dizabilita` tal-attur mhix tali li tirrendih inkapaci li jahdem u ghalhekk il-konvenut ma jistax jigi kastigat aktar milli hu ragonevolment gust fic-cirkostanzi.

In konkluzzjoni ghalhekk l-esponenti jissottometti li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli li kkaguna l-incident tas-17 ta Gunju 1994 fejn l-attur wegga' minn waqa' u sofra dizabilita` permanenti u ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' Lm150 damnum emergens u Lm9,546 lucrum cessans b'kollox Lm 9,696 in linea ta' danni.

Tant l-esponenti ghandu x'jissottometti ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti."

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr. Carmel Sciberras MD, FRCS li fih ghamel is-segwenti konkluzjonijiet:
**"<u>POZIZZJONI PREZENTI</u>:**

Is-Sur Desira qalli li ma jista' jerfa' xejn - u jekk jipprova, sahansitra jerfa' xi haga zghira, dahru jibda jugghu. Meta

jkun mugugh ma jorqodx tajjeb bil-lejl. Meta jkun mugugh, jekk jisghol jew jaghtas, l-ugigh ta' dahru jizdied.

Ma jistax isuq karozza fit-tul pez ma jistax isuq minn Haz-Zabbar sal-Mellieha minghajr ma jaqsam il-vjagg.

Ghandu problemi zghar tal-pipi li x-aktarx ghandhom x'jaqsmu mal-prostata u mhux ma dahru.

Minhabba l-ugigh u wkoll minhabba li jhossu "nofs ragel" ghax ma jahdimx, is-Sur Desira qalli li qed jiehu pilloli ghad-Depression. Ma kienx jaf x'jisimhom.

<u>EZAMI - 24/05/01:</u> Ragel mibni saffejn.
Jimxi normal u jidher f'sahhtu.

<u>Dahar:</u> Nuqqas ta' extension
Nuqqas ta' flessjoni
Ftit nuqqas ta' rotazzjoni laterali
Ftit ugigh meta missejtlu l-ispina lumbari
SLR: 90/90

<u>Riglejn</u>: Ma kien hemm l-ebda nuqqas neurologiku.

<u>IMPRESSJONI</u>: Dan ir-ragel, li mhux xih, u li ghandu l-familja, ilu ma jahdem 7 snin. L-esperjenza turi li aktar ma wiehed b'dahru jugghu jdum ma jmur ghax-xoghol, aktar isibha difficli biex jahdem. Isir dak li bl-Ingliz insejhulu "back cripple".

Il-myelogram tal-1996, wera li kien hemm problema fl-L4/5 disc.

Ma nistax nghid ghaliex in-neurosurgeons iddecidew li ma ssirx l-operazzjoni.

<u>**DIZABILITA`:**</u> 15% (hmistax fil-mija)."

Rat id-digriet tas-26 ta' April, 2002 li bih gew nominati l-Prof. Victor Griffiths, Mr. Charles Grixti u Dr. Peter Fenech bhala periti addizzjonali.

Rat ir-rapport ta' Dr. Peter Fenech li fih ghamel is-segwenti konkluzjonijiet:

"Dwar l-ewwel ammont likwidat mill-espert legali dawn tad-damnum emergens jammontaw ghas-somma ta' LM150.00 dawn qed jigu konfermati mis-sottoskritt espert legali addizzjonali. Dan ghaliex ihoss li xejn ma tbiddel miz-zmien li gie redatt l-ewwel rapport, kif ukoll ghaliex il-konkluzjonijiet medici li ghaliha sejra ssir referenza aktar 'il quddiem f'dan ir-rapport, naturalment ma eskludewx li gew inkorsi xi spejjes medici rizultat tal-incident.

Dwar it-tieni ammont likwidat mill-espert legali dawk tal-lucrum cessans, l-espert legali, in vista ta' dak deciz u spjegat mill-esperti medici addizzjonali, fir-rapport taghhom tat-18 ta' Ottubru 2002, fejn iddikjaraw li huma jsibu li Anthony Desira ma ghandu l-ebda dizabilita` permanenti kagun ta' l-incident li kellu fl-1996, jiddikjara li ma hu dovut l-ebda kumpens ghall-dan it-telf, stante li jirrizulta li ma kienx kagjonat mill-istess incident li sehh fl-17 ta' Gunju 1994, li huwa mertu tal-proceduri u atti odjerni."

Rat ir-rapport tal-Prof. Victor Griffiths u ta' Mr. Charles Grixti li fih taw is-segwenti opinjoni:

**"ILMENT PREZENTI:**

Desira jhoss ugiegh fin-naha t'isfel ta' dahru. Dan l-ugiegh jibqa' hemm u ma jinzillux ghal saqajh.

Dan l-ugiegh jizdied jekk isuq distanzi twal jew anke jekk jerfa' affarijiet tqal ta' xi 25 kilo.

**EZAMI KLINIKU:**

Desira gie ezaminat ghall-fini ta' dan ir-rapport fit-23 ta' Settembru tas-sena 2002. Il-pazjent kien xi hames piedi u

hdax-il pulzier mit-tul u kien jizen mija u hamsa kilo (105kg).

Is-sinsla lumbo-sakrali kienet tidher dritta. Huwa kellu movimenti tajba fid-dahar kemm meta tbaxxa l-quddiem u kemm meta xxabbat lura, kif ukoll meta xxaqleb lejn ix-xellug u lejn il-lemin.

Meta ezaminajna s-sistema nervuza sibna li it-'tendon reflex' f'saqajh il-leminija u dik xellugija kienu normali.

Kellu s-sahha kollha f'saqajh it-tnejn. Il-hass ghall-labra f'saqajh it-tnejn kienu normali.

Stajna nghollulu saqajh il-leminija u x-xellugija bi dritt ghal disghin grad (90) u meta stirajna n-nervituri ma kien hemm l-ebda sinjal ta' ugiegh minn naha ta' Desira.

Meta ghafasna s-sinsla tad-dahar Desira ma hass l-ebda ugiegh.

**<u>EZAMI</u> <u>RADJOLOGIKU</u>:**

Il-Myelogram li ha Desira fl-1 ta' April 1996 ma wera l-ebda sinjal li n-nerf kien maghfus. Il-kanal tas-sinsla fil-livelli tar-raba' u l-hames irkiekel kien kemmxejn idjaq mill-kumplament tal-kanal. Id-disk ta' bejn it-tielet u r-raba' u r-raba' u l-hames irkiekel lumbari kienu kemm kemm sporguti 'l barra.

Xray tas-sinla lumbari mehud fis-16 ta' Novembru 1995 ma wera l-ebda ksur li kien normali.

**<u>OPINJONI</u>:**

Wara li smajna l-istorja minghand Anthony Desira, u wara li ezaminajna lil Anthony Desira u rajna n-noti ta' l-isptar kif ukoll il-Myelogram li ha fl-1 ta' April 1996 gejna ghal konkluzjoni li Desira m'hu jsofri mill-ebda dizabilita` li setghet kienet ikkagunata fl-accident li kellu fl-1996.

Kemm l-ezami kliniku kif ukoll il-Myelogram ma jindikawx li hemmx affarijiet li huma gravi bizzejjed li jzommu lil Desira barra mix-xoghol jew li ghandhon jillimitawh mill-attivitajiet tieghu.

Ghalhekk ahna nsibu li Desira ma ghandu l-ebda dizabilita` permanenti b'kagun ta' l-accident li kellu fl-1996."

Rat il-lista ta' domandi li l-konsulent legali tal-attur, Dr. Mario DeMarco, ghamel lill-Prof. Victor Griffiths u lil Mr. Charles Grixti u r-risposti taghhom, u dawn qed jigu riprodotti hawn isfel:

"1. Tistghu tikkonfermaw jekk fil-fatt rajtux il-myelogram mehuda fl-ewwel ta' April, 1996 fl-isptar San Luqa u r-rapport ta' Dr. M.Crockford datat hdax (11) ta' April, 1996?

Ahna rajna r-rapport tal-myeologram li sar fl-ewwel (1) ta' April 1996, fl-isptar San Luqa kif ukoll ir-rapport tal-"lumbar radiculogram" tal-hdax (11) ta' April 1996, minn Dr. M. Crockford.

2. Indunajtu b'xi indikazzjonijiet ta' anormalitajiet fl-istess rapport fir-rigward ta' l-ispina dorsali ta' l-istess Anthony Desira?

Kemm ir-rapport tal-myeologram ta' l-ewwel (1) ta' April 1996 kif ukoll ir-rapport tal-'lumbar radiculogram' tal-hdax (11) ta' April 1996, jirreferu ghal ftit djuq fil-kanal spinali ta' livell bejn ir-raba' u l-hames irkiekel luimbari ikkagunat minn 'disc' zghir fl-istess livell. Fir-rapport tal-'lumbar radiculogram' tal-hdax (11) ta' April 1996, Dr. M. Crockford jirreferi ghal impressjonijiet zghar fuq in-naha ta' quddiem tad-disc bejn it-tielet u r-raba' rukkell lumbari u r-raba' u l-hames rukkell lumbari.

Ta' min jinnota li la l-'myeologram' ta' l-ewwel (1) ta' April 1996 u lanqas il-'lumbar radiculogram' tal-hdax (11) ta' April 1996 ma wrew xi involviment tan-nervituri.

<u>3. Jista’ jaghti l-kaz li l-‘interior disc impressions at L3/4 AND L4/5’ gew ikkagunati minn ‘flexion force’ li setghet grat hu u kien niezel minn fuq it-trakk u gara l-incident</u>?

Irridu nfissru li dawn l-‘anterior disc impressions’ m’huma xejn ghajr sforz ta’ ‘annulus fibrosus’ fuq in-naha ta’ quddiem ta’ t-‘theca’ u normalment ma jkollhom l-ebda sinifikat.

Minhabba dan ma nhossux illi dawn gew ikkagunati minn ‘flexion force’ meta Desira kien niezel minn fuq it-trakk waqt l-accident.

<u>4. X’jistghu jkunu l-kaguni ta’ l-‘impressions’ fuq ‘anterior discs’</u>?

Nergghu nispjegaw li dan kull ma jkun huwa kemm kemm ta’ ‘bulge’ ta’ l-‘annulus fibrosus’ li huwa bhal cintorin tad-‘disc’ fuq it-‘theca’ li tkun tmiss mad-disc u man-naha ta’ wara ta’ l-irkiekel kemm fuq u taht l-istess ‘disc’. Normalment dawn ma jkollhom l-ebda sinifikat.

<u>5. Jista’ jaghti l-kaz illi l-‘minor canal narrowing’ li nstab fil-‘L4/5 level’ gie ikkagunat minn ‘flexing or jolting force’ li seta’ sofra l-attur fl-incident</u>?

Id-djuq tal-kanal fil-livell L4/5 kien minuri u kkagunat minn impressjoni tan-naha ta’ wara tad-‘disc’ fuq il-livell L4/5 lumbari. Kieku gie kkagunat minn ‘flexing jew jolting force’ kont nippretendi li d-‘disc’ kien johrog ‘il barra.

<u>6. X’inhuma l-kaguni kollha li jistghu jattribwixxu jew jikkontribwixxu ghal ‘canal narrowing’</u>?

Id-djuq tal-kanal fil-livell lumbari jista’ jigi kkagunat minn ‘disc’ li jipprotrudi direttament ghal gol-kanal u allura jkollu c-cintorin tieghu (annulus fibrosus) imgarraf.  Jista’ jigi kkagunat ukoll minn process digenerattiv bhall-artrite jew anke minn ‘Paget’s disease of bone’ u anke minn ‘hypertrophy’ tal-‘facet joints’ jew inkella anke minn xi tumur.

<u>7. X'jista' jikkontribwixxi ghal 'impressions' fuq l-'antenior discs'</u>?

Kif diga ghidna, nirreferuk lura ghar-risposta li tajtna ghad-domanda numru 4.

<u>8. Taqblu li s-Sur Desira dejjem migugh meta ezaminajtuh</u>?

Mir-rapport fuq l-ezami kliniku li ghamilna fit-23 ta' Settembru 2002 ma hemm l-ebda indikazzjoni li Desira kien mugugh meta ezaminajnieh. Lanqas meta ghafasna s-sinsla tad-dahar ma kien hemm ugiegh.

<u>9. Tikkonfermaw illi meta s-Sur Desira gie mitlub jitbaxxa biex imiss is-swaba ta' saqajh, hu ma setax jaghmel dan minhabba l-ugiegh</u>?

Nergghu nikkwotaw mir-rapport taghna tat-23 ta' Settembru 2002 illi Desira kellu l-movimenti tajba fid-dahar kemm meta tbaxxa 'l quddiem u kemm meta xxabbat lura, kif ukoll meta xxaqleb lejn ix-xellug u lejn il-lemin.

<u>10. Naqblu li skond il-myelogram irrizulta li l-attur kellu 'slip disc' bejn L4/5</u>?

Le, ma naqblux. Ili-'slight posterior disc impression at L4/5' ma tfissirx li l-attur kellu 'slip disc' u dan ahna nikkonfermawh ukoll mill-fatt li ma kien hemm Il-ebda 'impression' fuq in-nervituri la fil-'myelogram' u lanqas fil-'lumbar radiculogram'.

Nghidu wkoll li fl-ezami kliniku taghna ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' 'slip disc'.

<u>11. Naqblu li 'slip disc' jista' jigi kkagunat minn skoss jew jekk tintlewa hazin bhal meta tkun ser taqa' u tipprova ma taqax</u>?

Is-'slip disc' jigi kkagunat minn sforz qawwi generalment meta titbaxxa biex terfa' affarijiet tqal. M'hux komuni li 'slip disc' jigi kkagunat minn liewja.

12. Naqblu li n-noti tal-isptar ta' Anthony Desira juru li fit-fatt l-attur kien bata 'slip disc' konsegwenza ta' l-incident?

Ergajna ezaminajna n-noti ta' l-isptar fid-dawl tad-domanda tieghek u ma sibna l-ebda nota li turi li fit-fatt l-attur kien bata 'slip disc' b'konsegwenza ta' l-incident.

13. Naqblu illi n-notamenti ta' Dr. Crockford fir-rapport tieghu huma fil-fatt indikazzjoni ta' 'slip disc'?

Le, fl-ebda parti tan-rapport ta' Dr.Crockford m'hemm indikazzjoni li hemm 'slip disc' jigifieri li d-'disc' hareg minn postu u dahal gol-kanal ta' l-ispina lumbari. Kif diga ghidna l-'antenior disc impressions' kienu minuri u m'ghandhom l-ebda sinifikat."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***(i) L-Ewwel eccezzjoni:***

Il-konvenut qieghed jecepixxi li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu citat tal-Ligi jistipula illi:
"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-17 ta' Gunju, 1994 sehh incident gewwa l-fabbrika ta' Polidano Brothers u li fiha kienu nvoluti l-kontendenti. Mir-riferta a tergo ta' fol. 11 tal-process jidher illi n-notifika tal-konvenut sehhet fit-13 ta' Mejju, 1997 u dan meta gew imwahhla bil-procedura ta' l-affissjoni kopja tac-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi u l-Kunsill Lokali ta' Hal-Qormi. Il-konvenut fil-fatt imbaghad ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fis-27 ta' Mejju, 1997.

Il-konvenut fl-affidavit tieghu a fol. 43 tal-process jistqarr bil-gurament tieghu illi “sakemm ircevejt ic-citazzjoni qatt ma kont ircevejt xi ittra jew notifika minn ghand Desira jitlobni nersaq ghall-hlas tad-danni”. Sabiex ixejjen din l-eccezzjoni tal-konvenut, l-attur ipprezenta fit-30 ta’ Settembru, 1997 permezz ta’ nota kopja ta’ ittra ufficjali datata 24 ta’ Mejju, 1996, liema ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-konvenut fid-29 ta’ Mejju, 1996. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ma hijiex sostnuta mill-provi u konsegwentement qeghda tigi michuda.

***(ii) Responsabbilta` ghall-incident:***

Illi t-tielet u l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut hija li t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti ma huwiex responsabbli ghall-akkadut, jekk jezisti, u ghad-danni allegatament reklamati. Illi dwar din l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalu kemm il-Periti Medici u kemm il-Periti Legali. Kien ghalhekk illi l-Qorti ghamlet referenza ***in extenso*** ghar-rapporti peritali kemm dawk legali u kif ukoll dawk teknikci l-ghaliex hawn ghandna sitwazzjoni fejn l-ewwel espert tekniku Mr Carmel Sciberras – Consultant Orthopaedic Surgeon imqabbad mill-Qorti sabiex jezamina jekk l-attur kellux dizabilita permanenti jew le in dan bhala konsegwenza ta’ l-incident li sehh nhar is-17 ta’ Gunju, 1994 ikkonkluda illi effettivament l-attur kien qieghed isofri minn dizabilita ta’ natura permanenti b’konsegwenza ta’ dan l-incident tant illi huwa stma din id-dizabilita fl-ammont ta’ hmistax filmija (15%). Mill-banda l-ohra, z-zewg esperti medici l-ohra l-Professur Victor Griffiths u l-kirurgu Mr. Charles Grixti stabilew illi l-attur ma huwa jsofri l-ebda dizabilita permanenti b’kagun ta’ l-incident li sehh fin-1996 (recte: 1994).

Illi allura l-Qorti ghandha zewg rapporti maghmula minn esperti nominati minnha li huma konflingenti. Rapport wiehed jghid illi kien proprju minhabba dak l-incident li sehh fis-17 ta’ Gunju, 1994 illi l-attur ghandu dizabilita permanenti u rapport iehor li jghid illi l-attur ma ghandu l-ebda dizabilita permanenti li seta kien ikkagunat fl-incident li kellu fil-1996 (recte: 1994).

Mill-aspett fattwali, din il-Qorti qrat, u regghet qrat l-atti processwali kollha inkluz il-provi li gabu l-partijiet fuq dan il-kaz u hija l-fehma konsidrata taghha illi l-incident ***de quo*** sehh verament tort tal-konvenut. Minkejja l-fatt li sehh dan l-incident xorta tkun trid tigi stabbilita l-kwistjoni tad-danni sofferti. Id-danni ovvjament jistghu jkunu jew dawk emergenti mill-incident, jew danni li jnaqqsu l-qliegh ta' dak li jkun peress illi jkun sofra debilita permanenti minhabba dak l-incident, jew dawn iz-zewg tipi ta' danni abbinati flimkien.

Inghad ukoll kemm il-darba, u dan f'diversi sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati illi:
"Ghalkemm il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, u l-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, b'dana kollu il-"giudizio dell'arte" espressa mit-tekniku ma jistghux u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakulta lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment ammenokke ma jkunx jidher soddisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi irragonevoli"
(Ara **Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et** deciza fit-23 ta' Gunju, 1967 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell).

Inghad ukoll illi fil-kawza fl-ismijiet **Paul Grech et vs Lawrence Grech et** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-25 ta' Settembru, 2003 illi:
"bil-ligi (Art. 681 tal-Kap. 12) u b'harsien tal-massima *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi

mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli”.

Illi din il-Qorti sejra tadotta, anke in vista tat-twegibiet moghtija mill-esperti teknici (a fol. 277 et seq) minnha nominati u cioe l-Professur Victor Griffiths u l-kirurgu Mr. Charles Grixti ghad-domandi in eskussjoni maghmula mill-attur, il-konkluzzjonijiet tar-rapport taghhom pprezentat fit-18 ta’ Ottubru, 2002 u cioe’ li l-attur ma garrab l-ebda dizabilita permanenti minhabba l-incident li sehh fis-17 ta’ Gunju, 1994.

Illi dwar id-danni l-ohra pero` u li gew likwidati mill-Perit Legali ***arbitrio boni viri***, din il-Qorti thoss illi dawn huma gustifikati u ghalhekk sejra tikkundanna lill-konvenut jhallas dawn l-ispejjez li l-attur inkorra fihom in vista ta’ l-incident li sehh fl-14 ta’ Gunju, 1994.

Illi dwar l-ispejjez tal-kawza, u in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti thoss illi ikun gust u xieraq illi dawn jigu akkollati in kwantu ghal zewg terzi ghall-attur u in kwantu terz ghal konvenut.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt illi qeghda tilqa’ limitatament it-tielet eccezzjoni tal-konvenut u dan fis-sens illi l-attur ma sofra l-ebda debilita permanenti konsegwenza ta’ l-incident li sehh fl-14 ta’ Gunju, 1994, qeghda tirrespingi u tichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet u ghaldaqstant qeghda tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-attur u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut Giovanni Borg kien unikament responsabbli ghall-incident tas-17 ta’ Gunju, 1994 gewwa l-impjant ta’ Polidano Brothers Limited meta l-attur waqa’ minn truck u wegga, qeghda tillikwida l-istess danni fl-ammont ta’ mija u hamsin liri Maltin (Lm150) u tikkundanna lill-konvenut jhallas din is-somma hekk likwidata ta’ mija u hamsin liri Maltin (Lm150) bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mil-lum sal-eventwali pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-attur u in kwantu ghal terz mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------